**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**DEGRIET KAMERALI**

**F'l-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta'**
**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1876/2023/1DC**
**f'l-ismijiet**

***Wayne Camilleri (KI Nru 266789M) u***
***Kimberlene Camilleri (KI Nru 185994M)***

***vs***

***Mark Anthony Manicolo (KI Nru 495574M) u***
***Sylvienne Montebello (KI Nru 71973M)***

Illum, 14 ta' Diċembru 2023

## Il-Qorti

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżentat fid-29 ta' Settembru 2023 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi r-rikorrenti talbu lil din il-Qorti żżomm lill-intimati milli:

> *jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu jew jiddisponu sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-propjetà ossia dar 33, Mediterranea, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk inkluż il-garaxx binnumru uffiċjali 40, u dan in vista tal-kawża numru 291/2023 fl-ismijiet premessi li ġiet intavolata fl-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u li permezz tagħha ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tordna ill-intimati jersqu għall-publikazzjoni tal-att finali ta' trasferiment tal-propjetà surreferita*

Rat id-degriet tagħha mgħoti fid-29 ta' Settembru 2023 permezz ta'liema laqgħet it-talba tar-rikorrenti proviżorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati bi żmien għaxart ijiem għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għal nhar id-19 ta' Ottubru 2023.

Rat ir-risposta ta'l-intimati preżentata fil-21 ta' Novembru 2023 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponiet għat-talba bħala infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li r-rikors huwa irritu skond l-artikolu 836(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-intimati da parti tagħhom talbu lil Qorti tiffissa penali ai termini ta'l-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 ta'l-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma aktar kmieni llum meta ir-rikors tħalla għal provediment kamerali.[1]

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti prinċipali li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- F'l-20 ta' Marzu 2023 ir-rikorrenti għamlu kawża permezz ta' liema qed jitolbu li l-intimati jiġu ordnati jersqu għall-publikazzjoni ta'l-att finali ta' trasferiment tal-propjeta 33 , Mediterranea, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk inkluż il-garaxx bin-numru uffiċjali 40.
- Fil-5 ta' Ġunju 2023 ir-rikorrenti għall-ewwel darba talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (mandat numru 949/2023) biex l-intimati jiġu inibiti milli b'xi mod jitrasferixxu l-propjeta fuq imsemmija; it-talba ġiet miċħuda. Jidher li t-talba ġiet miċħuda minħabba li l-intimati baqghu ma ġewx notifikati u r-rikorrenti ma deherux għas-smigħ.
- F'l-14 ta' Awwissu 2023 ir-rikorrenti reġgħu għamlu l-istess talba (mandat numru 1542/2023) liema talba reġgħet ġiet miċħuda. Jidher li din it-tieni talba ġiet miċħuda minħabba li r-rikorrenti ma ppruvawx li kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi a bażi ta' liema kien ikun ġustfikat il-proponiment ta'l-istess talba għat-tieni darba.
- Fid-29 ta' Settembru 2023 ġie preżentat ir-rikors odjern.

Ikkunsidrat

[1] F'din l-udjenza la deheru r-rikorrenti u lanqas xi ħadd in rappreżentanza tagħhom.

Illi l-għan ta' talba għall-ħruġ mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat.

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed jittentaw izommu lill-intimati milli b'xi mod jitrasferixxu l-propjeta imsemmija fir-rikors; din it-talba (anke kif indikat f'l-istess rikors) huma qed jagħmluha ai termini ta'l-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk jeħtieġ li r-rikorrenti juru li:

- Għandhom xi jedd *prima facie*;
- Il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jedd li jippretendu illi għandhom;
- Dak li r-rikorrenti qegħed jitlobu li l-intimati jiġu inibiti milli jagħmlu ser jikkawża preġudizzju sproporzjonat lir-rikorrenti jekk il-mandat ma jinħariġx.

Ikkunsidrat

Illi qabel ma'l-Qorti tinoltra ruħħa u tistħarreg il-mertu tat-talba jeħtieġ li tikkunsidra kwistjoni oħra, sollevata mill-intimati, u ċioe l-irritwalita tar-rikors odjern.

Illi kif ġustament irrilevaw l-intimati, u kif del resto huwa dikjarat mir-rikorrenti innifishom, permezz tar-rikors odjern l-istess rikorrenti qegħdin għat-tielet darba jagħmlu l-istess talba identitka li ġia ġiet dedotta, u miċħuda, darbtjen oħra qabel.

Illi meta r-rikorrenti ressqu t-talba tagħhom għat-tieni darba, din il-Qorti kif diversament presjeduta qalet hekk meta ċaħdet dik it-tieni talba:

> *... lil hinn minn kemm jista' jkollhom raġuni tajba r-rikorrenti fil-pretensjonijiet tagħhom kontra l-intimati, mhuwiex xieraq li kreditur jitħalla jressaq l-istess talba minkejja li talba jew talbiet bħal dawk ma jkunux intlaqgħu qabel. Dan jibqa' jgħodd, naturalment, sakemm il-kreditur ma jurix li kien hemm raġuni tajba u ċirkostanzi ġodda xierqa li juru li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att*
>
> *Tqis li din hija t-tifsira xierqa tal-kelma u l-ispirtu tal-liġi, b'mod partikolari fejn jirrigwarda Mandati ta' Inibizzjoni, ... ... Il-Qorti tqis li, kieku ma tingħatax din it-tifsira, tinħalaq it-tentazzjoni li parti tibqa' tistad bl-istess talbiet quddiem l-istess Qorti, presjeduta kull darba minn ġudikant ieħor, sakemm, jew bit-tama li, fl-aħħar tiġiha tajba. Dan il-mod ta' kif isir forum shopping ma huwiex ta' min iħallih isir u wisq anqas jinkoraġġih;*

Illi din il-Qorti mhux biss tikkondividi dan il-ħsieb pjenament imma hija ukoll konvinta li l-istess ħsieb jsib applikazzjoni fir-rikors odjern u għandu jwassal għaċ-ċahda tat-talba tar-rikorrenti stante li ma ntwera l-ebda fatt jew ċircostanza ġdida li kienet tiġġustifika ir-riproponiment tat-talba għall-ħruġ tal-mandat.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi mhux opportun li l-Qorti tistharreġ il-mertu tat-talba odjerna.

Ikkunsidrat

Illi in konkluzzjoni l-Qorti tagħmel referenza għat-talba ta'l-intimati biex il-Qorti timponi penali fil-konfront tar-rikorrenti. Din it-talba hija dedotta fir-risposta tagħhom minn liema jidher li l-intimati qed jibbażaw din it-talba fuq l-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

> *il-qorti tista' tikkundanna* ***lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu*** *sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12)* ***li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju,*** *f'kull każ minn dawn li ġejjin: ... ...*[2]

Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li talba għall-impożizzjoni ta' penali tista' tiġi ikkunsidrata f'każ meta att kawtelatroju jkun diġa nħareg. Fil-fatt l-artikolu 836, u allura anke s-subartikolu (8) tiegħu, jirregolaw it-talbiet għal revoka ta' mandati kwatelatorji.

Illi għalhekk t-talba ta'l-intimati ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni għaliex din odjerna mhux talba għal revoka ta' mandat imma t-talba għal-ħruġ ta' mandat, liema talba qed tiġi miċħuda.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. **Tiċħad it-talba tar-rikorrenti** billi hija irritwali;
2. **Tirrevoka** ***contrario imperio*** **d-digriet tagħha tad-29 ta' Settembru, 2023** safejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod proviżorju.
3. **Tiċħad it-talba ta'l-intimati** għall-impożizzjoni ta' penali.
4. Tordna li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu mir-rikorrenti.

[2] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

Tordna li dan id-digriet jiġi notifikat elettronikament lil Dr Ezekhiel Psaila u Dr Joseph Borda.

**DR DOREEN CLARKE**
**IMHALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**